**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 4 ta' April, 2017.**

**Talba Nru: 428/2016PA**

**GO plc**

**vs**

**Matthew John Redford Coleman**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fil-5 ta' Ottubru 2016 li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-istess soċjeta' attriċi s-somma ta' seba' mija, tnejn u sittin Ewro (€762) dovut in konnessjoni mas-servizz elettroniku ta' komunikazzjoni magħruf bħala 'Limitless 99' bil-kont numru 40349503, liema servizz ingħata lill-konvenut skond kuntratt li kellu mal-kumpanija Mobisle Communications Limited, li b'effett mid-19 ta' Diċembru 2015 ġiet amalgamata mas-soċjeta' attriċi, u dan wara li l-istess konvenut baqa' ma ħallasx minkejja li kien debitament interpellat biex jagħmel dan. Is-soċjeta' attriċi talbet ukoll li l-konvenut jiġi kundannat iħallas l-ispejjeż u d-drittijiet, u l-imgħax legali mid-data tal-preżentata tal-Avviż.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta' attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) prospett tal-ħlasijiet mitluba fuq il-kont mertu ta' din il-kawza (Dok.'A', fol. 2-5); (ii)

kopja tal-kuntratt li l-konvenut kellu mas-soċjeta' Mobisle Communications Ltd (Dok.'B', fol. 6-8); (iii) estratt mir-Reġistru Elettorali li juri l-indirizz dikjarat tal-konvenut (Dok.'C', fol. 9), u (iv) affidavit ta' Charmaine Wiffen, impjegata mas-soċjeta' attriċi li kkonfermat li l-ammont mitlub b'din il-kawża għadu dovut lis-soċjeta' attriċi mill-konvenut (Dok.'D', fol. 10).

Ra li l-konvenut kienet debitament notifikat bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, pero' baqa' ma ppreżentax Risposta u lanqas deher biex jikkontesta l-kawża.

Ra li fl-udjenza tal-28 ta' Marzu 2017, Maryanne Camilleri għas-soċjeta' attriċi ddikjarat bil-ġurament li l-konvenut għadu debitur tas-soċjeta' attriċi fis-somma mitluba, u għar-raġunijiet indikati, f'din il-kawża.

Jidhirlu li din it-talba tas-soċjeta' attriċi tirriżulta ampjament pruvata, fil-kontumaċja tal-konvenut.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' seba' mija, tnejn u sittin Ewro (€762), bl-imgħax legali mill-5 ta' Ottubru 2016 data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba.

L-ispejjeż ta' din il-kawża jibqgħu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.D.**
**ĠUDIKATUR**